# Il-figuri jitkellmu

*Jiena nħobb il-figuri għax il-figuri ikellmuk, jgħinuk tara u għalhekk tirraġuna.*

L-istatistika tas-sacerdoti Maltin li servew għal xi snin il-kommunita' Maltija fl-Awstralja sal-aħħar tas-sena li għaddiet kienu 200. 50 minnhom jew 25% kienu membri tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl (M.S.S.P.).

L-għadd ta' saċerdoti Maltin li hemm fl-Awstralja attwalment hu ta' 66.

29 minnhom huma dedikati purament għas-servizz tal-kommunita' Maltija. Minn dawn id-29,jew ahjar 50% huma membri tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl.

Qiegħed nagħti dawn il-figuri biex nuri kemm kien profetiku l-kliem ta' Mons. Ġiużeppi De Piro, Fundatur tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, meta kiteb lil Fr William Bonnett, wieħed mis-saċerdoti pijunieri fl-Awstralja (1916): "Fil-Quddies tiegħek tinsiex tiftakar ftit f'dan l-Istitut tagħna li qiegħed jitwieled – Istitut li twaqqaf għall-Missjonijiet Barranin…Għad jasal zmien li mmiddu riġlejna anki fl-Awstralja… u forsi ġurnata għad tara jissieħeb miegħek xi missjunarju ċkejken mis-Soċjeta' Ċkejna ta' San Pawl".

Ix-Xitla imħawwla minn Mons. De Piro tassew kibret, għax llum tgħodd in-nofs tal-għadd tas-saċerdoti li qegħdin jieħdu ħsieb il-kommunita' Maltija fl-Awstralja.

Il-Maltin li emigraw bejn 1946 u 1990 kien ta 86,787 dawn zgur immultiplikaw. Di fatti f'indirizz li għamel il-Prof. Maurice Cauchi, President tal-Federazzjoni tal-Maltin ta' Barra, hu stmat li l-popolazzjoni tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta (inkluzi l-U.S.A., Canada u U.K.) hu daqs jekk mhux akbar, mill-għadd ta' Maltin li jgħixu Malta (FMLA Issue Aug 2010).

Il- missjunarji tal-mssp li marru matul dan iż-żmien, nistgħu insejħulhom benefatturi kbar tal-kommunita' Maltija.



Dun Wistin Grech



Dun Onorat Galea

Xtaqt insemmi xi uħud minnhom: Dun Wistin Grech li kien l-ewwel wieħed li fetaħ it-triq tas-Soċjeta' għall-Awstralja fl-1948; Dun Klawdju Borg, wieħed mill-aktar sacerdoti Maltin anzjani li hemm fl-Awstralja, li għandu 84 sena, u ilu jaħdem mal-Maltin fl-Awstralja għal aktar minn 54 sena. Miegħu kienu marru Dun F.X. Schembri u Dun Robert Cini. Wieħed irtira Malta wara hemm ħafna snin għajjien u miet sentejn ilu. L-ieħor li għadda fuq ħamsin sena bejn l-Awstralja u l-Amerka, u issa ġie Malta biex jistrieħ. żewġ figuri kbar oħra kienu Dun Onorat Galea li mar l-Awstralja fl-1951 u miet hemm wara 31 sena ta' ħidma u Dun Ġorg Scerri li mar l-Awstralja fl-1958 u miet maqtul fl-1980. Xejn inqas Dun Karm Borg li miet f'Malta f'2002 wara ħidma ta'42 sena f'Awstralja.

Hemm ħafna modi kif ngħidu grazzi.Nistgħu noffru bukkett fjuri, ngħatu rigal, eċċ. Dan hu kaz ta' grazzi nazzjonali lil membri mssp li taw kontribut tant siewi li seta jissarraf f'għajnuna lil eluf ta' ħutna li biex jgħixu u jżommu l-familja kellhom ifittxu xogħol u ħajja bogħod minn artna.

Grazzi Mons. De Piro. Grazzi membri tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl imwaqqfa minnu.

Mons. Philip Calleja

Dun George Scerri





## OĦLOQ TBISSIMA

Għat-8 sena konsekuttiva reġgħet saret il-Maratona fejn inġabret somma sabiħa ta' Đ178,000 li ser imorru għall missjonijiet tal-Peru Pakistan u Filippini, kif ukoll biex iċ-Ċam productions tkun tista tkompli bix-xandir tal-Kelma permezz tal-programmi televiżivi u għall-bżonnijiet tad-Dar ta' San Ġużepp Santa Venera, fejn saret il-maratona

Kienet esperjenza oħra sabiħa, fejn in-nies reġgħu emmnu fix-xogħol li qed isir mill-MSSP. Il-pubbliku għex magħna dawn is-60 siegħa, kemm minn fuq it-televiżjoni kif ukoll permezz tal-attendenza tagħhom fid-Dar ta' S. Ġużepp.

Din is-sena wkoll fetaħ il-Maratona, l-Eċċ.tiegħu il-President ta' Malta li flimkien ma' Mons Arċisqof Pawlu Cremona taw messaġġi sbieħ u relevanti. Il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppozzizzjoni ukoll taw sehemhom billi mlew xi kaxxi bl-ikel biex jintbagħtu fil-container il-Peru.

Grazzi tad-donazzjonijiet tagħkom, grazzi wkoll lil tant voluntiera u l-istazzjonijiet tat-televizjoni.

Marthese Brincat.
Ass. Dierttur tac-CPI



## TISLIMA LIL FR.STANLEY TOMLIN

Fr. Stanley Tomlin ex Superjur ġenerali tas-Soċjeta' nhar il-4 ta' Mejju mar igawdi lil Alla li tant kien iħobb.



Mhux possibli f'erba' kelmiet infakkru ħajja hekk twila ta' 83 sena. Imma ħaġa sabiħa li ngħidu, li wara l-mewt ta' missieru, hu u ħutu s-subien sabu ruħom l-Istitut ta' San Ġużepp, haġa li tant kien iħobb isemmi, speċjalment meta, wara li spiċċa minn Superjur ġenerali kien sar direttur ta' din id-Dar.

Wara li qaddes huwa kien responsabbli għal formazzjoni tan-novizzi u tal-istudenti u għall-vokazzjonijiet, ħaġa li fi zmienu mxiet ħafna il-quddiem. F'dak iż-żmien ukoll kien responsabbli għat-tkabbir tad-Dar Sant Agata. Kien ukoll l-ewwel rettur tal-Kulleġġ tagħna li kien waqqaf hu stess.

Hu dam tnax il-sena Superjur ġenerali tas-Soċjeta',perjodu li fih ġie elett ukoll bħala president tal-Konferenza tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi. Fi żmienu, barra li mbdiet il-missjoni tagħna tal-Pakistan, komplew jissaħħu l-missjonijiet li diġa kellna barra minn Malta, filwaqt li f'Għawdex infetħet Dar Stella Maris – li tagħha, wara li spicca minn direttur tad-Dar ta' San Ġużepp, dam superjur għal diversi snin.

## ĠURNATA STUDENTI

* Trid tibqa' tagħmel il-ġid għal dejjem?
* Trid ikollok min jibqa' jitlob għalik?
* Trid ma tintesiex wara mewtek?

Dan jista' jseħħ billi tagħmel

**FUNDAZZJONI GĦAL ĦAMSA U GĦOXRIN SENA TA' ĠURNATA STUDENTI**

Dan tagħmlu billi toffri 466 Ewro li bl-imgħax tagħhom inkunu nistgħu nżommu l-istudenti għal ġurnata. Dan jibqa' jsir kull sena, għal ħamsa u għoxrin sena, fil-ġurnata li tagħżel int:

* L-istudenti joffru l-quddiesa li jisimgħu, t-talb, u s- sagrifiċċji kollha ta' matul il-ġurnata, u dak kollu li jagħmlu, għalik jew għal min trid int.



MSSP100

# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-HBIEB

Settembru 2010 / Għadd 449 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP



# Is-Seba' Kapitlu Regjonali għal Malta

Il-Kapitulari madwar il-qabar tal-Fundatur



Kull Ordni jew Kongregazzjoni Reliġjuża, kull tant żmien, kulħadd skont il-kostituzzjonijet tiegħu, hija obligata li tagħmel dak li jissejjaħ Kapitlu. Dan jikkonsisti fl-laqgħat bejn il-membri ta' dik l-ordni jew il-kongregazzjoni.

Kapitlu jista' jissejjaħ għal diversi ragunijiet. Fosthom hemm dak li jsejħulu Kapitlu Elettiv. F'Kapitlu Elettiv barra li l-membri jgħatu daqqa t'għajn fuq dak kollu li sar mill-aħħar kapitlu 'l hawn u anke jiddiskutu idejat u proposti għaż-żmien li ġej, ikun hemm zmien fejn jintgħażel s-superjur reġjonali gdid kif ukoll l-assistanti tiegu.

Fil-kaz tas-Soċjeta tagħna f'Malta, din is-sena kien imiss li jsir is-seba' l-Kapitlu Regjonli, li fih ukoll ġie elett is-Superjur Regionali u t-tlett kunsillieri tiegħu. Dan sar bejn il-30 ta Awwissu u 2 ta Settembru ġewwa Dar Sant'Agata.

Għexna dawn l-erbat' ijiem f'ambjent tassew sabiħ u ta fraternita'. Konna presenti l-membri kollha li ngħamlu parti mir-regjun ta' Malta.

Kull ġurnata kienet tibda bit-talb flimkien u wara li nisimgħu xi preżentazzjoni fuq suġġett partikulari, konna ninqasmu fi grupp zgħir biex issir diskussjoni bejnietna. Wara nerġgħu niltaqgħu ħalli naqsmu dak li ntqal fil-gruppi iż-żgħar.

Din id-darba wkoll f'laqgħa minnhom, kienu preżenti għaxar lajci li jirrapreżentaw gruppi differenti fi ħdan is-Soċjeta' tagħna biex jgħatu l-kontribut tagħhom.

Għal din l-okkażżjoni specjali,kellna magħna lis-Superjur Generali, Fr.Bernard Mangion, u bħala facilitator ġiet mistiedna Jacqueline Jones SJA.

Fl-aħħar tal-kapitlu saret l-eleżżjoni għas-Superjur Regionali u l-kunsillieri tiegħu. Bi pjacir ngħidu, li reġgħu ġew mgħażulin l-istess team li kellna dawn l-aħħar tlett snin, jiġifieri Fr Louis Mallia Superjur Regjonali (provincjal), u Frs. Frankie Cini, Tony Sciberras u Martin Cilia bħala kunsillieri.

Lil dan il-Leadership Team li ser imexxi lir-reġjun ta' Malta għal dawn it-tlett snin li ġejjin nawgurawlu kull barka mill-Mulej u nwiegħduhom it-talb tagħna.

Fr. Norbert Bonavia mssp

### NOTA ZGHIRA

*Kellek okkażżjoni tara l-film fuq il-ħajja ta' Mons De Piro fuq il-MTV? Jekk le jew jekk tixtieq takwista kopja, ibgħat 10 Euro, f'dan l-indirizz, u tirċivieh bil-posta:*

*Fr. Norbert Bonavia mssp, L-Oratorju S. Domenico Savio,Triq S. Giljan B'Kara BKR 2806*

# Il-Ministeru tas-Soċjetà tagħna mal-Emigranti fl-Awstralja u... fil-Kanada

*Il-Ħidma tas-Soċjeta' tagħna fl-Awstralja bdiet fis-sena 1948. Dan kien iż-żmien ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ħafna Maltin kienu kostretti li jħallu Malta biex ifittxu xogħol u futur barra; l-Awstralja kienet l-aktar preferita u dan ġab malajr il-ħtieġa ta' pastorali, infatti l-Arċisqof ta' dak iż-żmien talab l-għajnuna tal-M.S.S.P., u marru Dun W.Grech u Dun P.P. Borda.*

Il-membri tas-Soċjeta baqgħu jmorru, wieħed wara l-ieħor, jakkumpanjaw lill-emigranti fuq il-vapur bħala kappillani. Għalhekk tista' tgħid li ħidma mal-emigranti bdiet minn fuq il-vapur stess. Għax is-saċerdot kien jieħu ħsieb kemm il-kura spiritwali kif ukoll kull għajnuna oħra.

Ġewwa l-Awstralja, bħal kull bidu, il-membri sabu ħafna diffikultajiet, saħansitra anke mill-Awtorita' tal-knisja f'Sydney, li ma setgħux jifhmu kif membri ta' Għaqda Maltija jaslu l-Awstralja biex jaħdmu fost il-Maltin, bla ma jkunu mitluba.

Iżda l-Mulej jaħseb mod ieħor, u permezz ta' Fr. Ciantar, Salesjan Malti f'Melbourne, setgħu jmorru hemm biex jaħdmu fost il-Maltin, li diġa' kienu jlaħħqu l-eluf.

Bil-għajnuna tal-kappillani tal-post, il-qassis Malti kien iżur il-Maltin fi djarhom, jorganizza l-quddies, il-qrar, magħmudijiet u żwiġijiet. Il-Qassis Malti kien ukoll ta' għajnuna kbira fil-ħidma Soċjali. Mal-wasla ta' xi emigranti ġodda kien imur biex jilqagħhom u jgħinhom jingħaqdu mal-qraba tagħhom.

Barra dan kien jgħinhom isibu x-xogħol, fejn joqogħdu, jikteb jew jaqra ittri, kien jgħamilha ta' interpretu, għax mhux kulħadd kien ikun jaf bl-Ingliż, jimlilhom formoli, jgħinu jixtru l-art u mitt ħaga oħra. Il-Maltin apprezzaw ħafna dan ix-xogħol.

Aktar ma kien jgħaddi ż-żmien, il-membri tal-MSSP bdew jorganizzaw lill-Maltin biex jiffurmaw għaqdiet li jkunu bħal ħolqa fost il-Maltin stess, kemm għall-ħajja spiritwali kif ukoll għal xi attivitajiet socjali. Laħaq ukoll li kien hemm anke żoni li kienu jsibuhom bħal "Little Malta" jew "Little Gozo".

Fuq kollox, is-saċerdot Malti tant kien isir parti mill- familja Maltija. Kien ikun preżenti magħhom fil-mumenti ta' ferħ jew diffiċli, fil-magħmudija u l-festin ta' wara, f'l-isptar jew xi kura oħra, f'xi inkwiet bejn familjari jew fuq ix-xogħol.

Hekk kien il-bidu tal-MSSP fl-Awstralja. Nistgħu ngħidu li l-ewwel membri sabu għalqa kbira fejn jaħdmu, u l-Maltin sabu qlub kbar, lesti biex jgħinuhom f' kull ma kienu jeħtiegu. U hekk it-tnejn kienu siewja għal xulxin u sabu l-futur li għalih marru lejn l-Awstralja.

Wara dawn l-ewwel snin, is-Soċjeta' ta' San Pawl mhux biss kienet magħrufa mill-Knisja fl-Awstralja, imma wkoll ġiet afdata bil-kura ta' parroċċi kemm fil-Victoria, NSW u West Austrlia, fejn il-Maltin kienu jkunu parti kbira mill-parroċċa.

Fr. Edwin Agius mssp



Dun Wistin Grech fuq il-vapur ma l-emigranti lejn l-Awstralja





*Il-Kontinent ta' l-Awstralja jilqa' fih nies minn diversi pajjiżi tad-dinja. Minbarra l-Aboriġini, dawk li ilhom jgħixu fl-Awstralja għal kważi erbgħin elf sena, in-nies kollha li joqogħdu hawn huma kollha emigranti minn xi pajjiż jew ieħor.*

Dawn l-emigranti nistgħu ngħidu li ġew kollha wara t-tieni gwerra dinjija. Kienu minn diversi pajjiżi tal-Ewropa, imma wkoll mill-Asia u l-Afrika.

Ix-xogħol tagħna l-missjunarji fost dawn l-emigranti, kien u għadu, li ngħinuhom biex filwaqt li jsiru parti mill-ħajja, kultura u Knisja Awstraljana, huma jkomplu jgħixu l-fidi Kattolika li tgħallmu f'pajjiżhom. Il-missjunarju huwa dak li jibni l-pont bejn dawn l-emigranti l-ġodda u l-kommunità li jridu isiru parti minnha. Dan qed nagħmluh permezz ta' ħidma fil-parroċċi li jitmexxew mill-missjunarji tagħna, xogħol fi sptarijiet, ċentri għall-emigranti u anke xogħol pastorali fost iż-żgħażagħ. Iċ-ċentru li għandna f'Wantirna huwa wkoll post importanti għall-evanġelizzazzjoni u jiġi wżat ħafna mill-parroċċi, skejjel u persuni li jkunu jridu jgħaddu ħin f'riflessjoni u talb. F'kelma waħda x-xogħol tagħna l-missjunarji hawn fl-Awstralja, jinqasam fi tnejn. Parti mil-ħidma huwa li namministraw is-sagramenti u nwasslu l-Kelma ta' Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies tal-ħdud u l-festi, u wkoll żwiġijiet u funerali. Minn naħa l-oħra, irridu ukoll ngħallmu lil dawk li forsi birdu xi ftit fil-fidi tagħhom. Bħalissa ninsabu naħdmu f'Sydney u f'Melbourne

Dan il-ministeru mal-emigranti għadu jsir illum għax kien il-fundatur stess, ġużeppi De Piro, li kien hass dan il-bżonn u kien ħa sehem f'laqgħat li saru għall-emigranti Maltin li kienu qed jgħixu f'Tunes u fl-Alġerija.

Jekk wieħed iqalleb il-kostituzzjonijiet tas-Soċjeta tagħna isib li parti essenzjali mill-ħidma tas-Soċjetà Missjunarja tagħna hija l-ħidma fost popli li għadhom ma semgħux b' ġesù Kristu. Għalhekk fl-Awstralja huwa wkoll importanti li aħna ngħinu lill-Knisja Awstraljana biex hi wkoll tinduna b'din il-ħtieġa, u tasal biex tħeġġeġ lill-insara ta' hawn biex huma wkoll jgħatu sehemhom f'din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Din l-animazzjoni missjunarja ssir fil-parroċċi u ċ-ċentri tagħna bil-mod kif aħna nitkellmu fuq il-bżonn ta' evanġelizzazzjoni u anke meta nitkellmu fuq il-ministeru li hutna missjunarji qed jagħmlu f'pajjiżi bħall-Perù, Pakistan u Filippini.

F'din is-sena li fiha qed niċċelebraw l-ewwel mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna, huwa aktar importanti li nkomplu nitolbu biex aktar żgħażagħ ġenerużi jaċċettaw is-sejħa li jagħmlilhom Alla biex jgħatu ħajjithom għax-xandir tal-Kelma Tiegħu.

Fr Jude Pirotta mssp

## F'TORONTO MAL-MALTIN

Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ilha preżenti fil-Kanada sa mis-snin ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Għall-ewwel kienet taħdem fost il-Maltin ta' Windsor, Ontario u baqgħet twettaq din il-ħidma sa l-1991. Imma l-ħidma fil-Kanada ma kellhiex tieqaf hawnhekk. Fl-1999, is-Soċjetà kienet mistiedna biex tieħu f'idejha l-parroċċa Maltija-Kanadiża ta' San Pawl Appostlu f'Toronto, Ontario u tkompli l-ħidma f'din il-parroċċa li twaqqfet fl-1930.

Il-Maltin f'Toronto kienu ilhom iħossu l-bżonn ta' saċerdot Malti sa mill-1914, u kienu diversi s-saċerdoti li għal xi żmien ħadmu fost dawn il-Maltin. Imma kien fl-1930 li twaqqfet il-parroċċa ta' San Pawl Apostlu fl-inħawi magħrufa bħala The Junction, żona li għal żmien twil kienet marbuta mal-Maltin. Bħala kappillan intgħażel Fr. Alphonsus Cauchi OSA li sena qabel kien stabilixxa ruħu f'Toronto, u baqa' kappillan sa ma miet fl-1943.

Fl-1951, il-Patrijiet Franġiskani Minuri tal-provinċja Maltija bdew jieħdu ħsieb din il-parroċċa b'Fr. Lawrence Bonavia OFM bħala kappillan. Il-ħidma ta' dawn il-patrijiet Franġiskani baqgħet sejra sal-bidu ta' l-1999 meta s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ntalbet tieħu f'idejha t-tmexxija ta' din il-parroċċa Maltija-Kanadiża. L-ewwel żewġ membri MSSP kienu Fr. Mark Demanuele bħala kappillan u Fr. Dominic Cachia bħala assistent tiegħu. Imbagħad fis-sena 2001, intgħażel Fr. Karm Borg bħala kappillan.

Għalkemm numru mhux ħażin ta' Maltin ħarġu mill-Junction u marru jgħixu f'inħawi oħra, però huma ħafna dawk li għadhom ifittxu lis-saċerdot Malti u lill-parroċċa Maltija-Kanadiża. Fil-ministeru pastorali tagħna, bil-grazzja t'Alla u l-għajnuna tal-lajċi, aħna nippruvaw nagħmlu l-aħjar biex nilħqu l-bżonnijiet tal-parruċċani tagħna u ta' dawk li jiġu mill-inħawi tal madwar. Namministraw is-sagramenti fil-parroċċa u barra mill-parroċċa skont il-bżonn. Ħafna drabi niġu msejħa biex nassistu mal-morda u mal-moribondi. Inħejju lit-tfal u liż-żgħażagħ għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof minbarra programm għall-adulti (RCIA) għal dawk li jixtiequ jirċievu l-ewwel sagramenti u għal dawk li diġà mgħammdin, u jridu jidħlu f'komunjoni sħiħa mal-Knisja Kattolika. Nippreparaw ukoll il-koppji għaż-żwieġ permezz ta' programm li jitmexxa minn voluntiera mħejjijin apposta.

Meta nħabbru l-Bxara t-Tajba nħossu li qed inwettqu l-għanijiet tal-Fundatur tagħna. Bl-għajnuna tal-voluntiera aħna nħossu li qed nilħqu l-għan tagħna gradwalment u metodikament. Bil-grazzja t'Alla u l-għajnuna tal-Fundatur tagħna nibqgħu naħdmu b'riżq dawk li l-aktar għandom bżonna.

Fr. Karm S. Borg mssp
Kappillan



Il-Parroċċa Maltija - Kanadiża ta' San Pawl Appostlu



Soċjetà Missjunarja tà San Pawl -Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159